MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Numru. 412/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Brian Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Brian Grima**, ta’ wiehed u sittin (61) sena, bin il-mejjet Mario u l-mejta Maria Rosaria neé Grima, imwieled St. Julian’s fl-10 ta’ Settembru 1950 u joqghod ‘l-Imdawla’, Triq Misrah il-Barrieri, Msida, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 760850(M) akkuzat

talli f'Awwissu 2002 u fix-xhur ta' qabel, fl-Msida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. xjentement ghamel uzu minn att jew atti jew skrittura/i foloz *ai termini* ta' l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *ai termini* tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, *ai termini* tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita' sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-Att dwar Portijiet u Bastimenti, tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll li l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (*nautical licence*) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti, fl-ahharnett, giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, *ai termini* tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "B" – *a fol.* 14).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2013, lid-difiza, in segwitu tad-depozizzjoni moghtija mill-iSpettur Maurice Curmi, teccepixxi l-preskrizzjoni ta' ghaxar snin (*a fol.* 42).

Rat is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Sultana** ezebita permezz ta' nota fil-15 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 52 *et seq.*).[1]

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 63 *et seq.*) rigward l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza.

[1] Vera kopja ta' din is-sentenza giet ezebita fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2014 bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 66 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2014, lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jaqblu li l-Qorti tista' tghaddi biex taghti sentenza preliminari rigward l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza ser titratta biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali sollevata mid-difiza.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, xehed **Robert Vassallo** (*Legislation and Compliance Manager* – Transport Malta) (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn xehed li sabiex wiehed seta' jinghata licenzja nawtika kien rikjest li dan jattendi kors gewwa l-MCAST, joqghod ghall-ezamijiet, jinhariglu certifikat malli jghaddi, dan jigi prezentat lil Awtorità u a bazi ta' dan tinhareg il-licenzja nawtika. Spjega li rrizulta li meta kien qed isir process ta' tigdid, ivverifikaw mal-MCAST jekk il-persuni, fosthom l-imputat, kienux qaghdu ghall-kors u qaghdux ghall-ezami u, fil-kaz tal-imputat, kien nstab li l-imputat ma kienx ghadda mill-ezami.

In kontro-ezami jghid li d-dokument li gie allegatament falsifikat huwa dak immarkat bhala Dok. "RV 4" (*a fol.* 24). Xehed li d-data fuq ic-certifikat tindika s-sena 2001 u li l-licenzja nawtika nharget lill-imputat fis-16 ta' Ottubru 2001.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, xehed ukoll **Raymond Farrugia** (Registratur – MCAST) (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn qal li

dokument immarkat bhala Dok. "RV 4" (*a fol.* 24) huwa dokument li jinhareg mill-Kullegg lil studenti li jkun issodisfaw il-kundizzjonijiet tal-kors, attendenza u ezamijiet biex bih imorru t-Transport Malta. Spjega li l-imputat kien applika biex isegwi l-kors (Dok. "RF 1" – *a fol.* 31) u li l-imputat ma kienx ghadda (Dok. "RF 3" – *a fol.* 33). Ikkonferma li l-imputat ma kienx ghadda mill-kors (Dok. "RF 5" – *a fol.* 35).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Maurice Curmi** (*a fol.* 43 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Tul id-depozizzjoni tieghu ezebixxa numru ta' dokumenti.

Ikkunsidrat

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 42), id-difiza, in segwitu tax-xiehda moghtija mill-iSpettur Maurice Curmi eccepiet il-preskrizzjoni tal-ghaxar snin. Meta mistoqsi in kontro-ezami jekk ir-reati li qed jigu attribwiti lill-imputat sehhewx f'Ottubru 2001, l-Ufficjal Prosekutur wiegeb fil-pozittiv (*a fol.* 45).

Illi ghandu jinghad li d-difiza targumenta li l-Aworità Marittima ta' Malta (llum Awtorità ta' Trasport) u l-MCAST kienu konxji tal-fatt li l-imputat kien wehel mill-ezami u li minkejja dan, wara li saret applikazzjoni da parti tal-imputat, xorta nhargitlu l-licenzja.

Illi l-Qorti tinnota li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni, permezz tal-ittra datata 3 ta' Frar 2012 mibghuta mill-Awtorità (Dok. "RV 1"

– *a fol.* 20), intalbet tinvestiga lill-imputat. L-allegazzjonijiet fil-konfront tal-imputat huma diversi u di fatti l-imputat gie addebitat b'diversi imputazzjonijiet.

Illi, minkejja li l-Prosekuzzjoni ezebiet is-sentenza **Il-Pulizija vs. Anthony Sultana** (*a fol.* 66 *et seq.*), din ma tantx hija ta' ghajnuna ghal din il-Qorti u dana *stante* li mis-sentenza in kwistjoni jirrizulta li l-appellant f'dik il-kawza kien eccepixxa l-preskrizzjoni u kien iddikjara li ma kienx qieghed jikkontesta l-mertu tal-kaz. Il-kaz fil-konfront tal-imputat odjern huwa kemmxejn differenti.

Ikkunsidrat

Illi d-difiza eccepiet il-preskrizzjoni ta' ghaxar snin. Artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża".

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti tinnota li Artikolu 692 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi testwalment is-segwenti:

> "Iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf".

Ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni qatt ma jista' jibda jiddekorri favur il-persuna tal-hati (jew ahjar ta' l-imputat jew akkuzat) li ma kienitx maghrufa. Jista' jigi argumentat li dana id-dispost tal-ligi japplika biss meta l-injoranza tkun wahda assoluta u mhux relattiva biss ghal persuna tal-vittma jew kwerelant, jew inkella ghal Pulizija Ezekuttiva biss, kif ukoll illi l-akkuzat jew kif imsejjah fil-ligi, il-hati, ma jkunx ghamel atti posittivi sabiex b'malizja jahbi dana l-fatt.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ttrattat dina l-kwistjoni legali f'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lorenzo sive Lorry Cuschieri**, liema sentenza ghamlet referenza ghal gurisprudenza aktar antika fosthom ghas-sentenzi **Formosa vs. Zarb Cousin** (11 ta' Settembru 1922) u **Il-Pulizija vs. Mikiel Agius** (3 ta' Frar 1947) fejn kien gie deciz is-segwenti:

> *"delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per i delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell'11/09/22 in re Luigi Formosa vs. Carmelo Zarb Cousin, cioe' che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole".*

Ikkunsidrat

Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni moghtija fit-22 ta' Novembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christopher Coleiro** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet riferenza ghal dak li jghid il-Professur Mamo[2]:

> *"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.*

> *"The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664 [illum art. 692] lays down that in respect of crimes … prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender….*

[2] Notes on Criminal Procedure: p. 33-34.

*"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin' (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands.*

*"The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/41*[3]*, because as the Court observed, the rule 'contra non valentem agree non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters (cfr. Also Cr. App. Police v. Agius, 3/2/47)."* [emfazi tal-Qorti].

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti tinnota li fil-kaz odjern ghandna sitwazzjoni fejn il-Prosekuzzjoni ssostni li meta kien qed isir process ta' tigdid tal-licenzja nawtika tal-imputat gie verifikat mal-MCAST li l-

[3] Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet **Lucia Farrugia vs. Ganni Coleiro**, deciz fis-26 ta' Lulju 1941 *per* Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407.

imputat ma kienx effettivament ghadda mill-ezami meta kien applika snin qabel. Fix-xiehda moghtija minnu, l-Ufficjal Prosekutur, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-ittra (Dok. "RV 1" – *a fol.* 20) mibghuta lil Pulizija mill-Awtorità, qal: *"Dan kompla jghid Dr. Vassallo illi din l-istess licenzja nawtika kienet skadiet u ghalhekk kull applikazzjoni kienet qed tigi riveduta minhabba li xi snin ilu kellhom din il-kwistjoni ta' fejn qed jigu issued hafna licenzji nawtici minghajr ma l-applikanti kienu japplikaw minhabba li ma kienu jghaddu jew ma kienux jghaddu jew ma kienux ghaddew mill-kors li jpoggu ghalih fl-MCAST"* (*a fol.* 43). Fl-ittra tieghu, Dr. Robert Vassallo jghid: *"It should be noted that Mr. Grima does not feature in the list of persons supplied to the Authority by the Police who were investigated on suspicion of holding a false Nautical Licence"* (*a fol.* 20 *tergo*).

Illi l-Qorti tinnota li l-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza ta' l-azzjoni u mhux l-aspett procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioé illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta l-provi li jridu jigu prodotti quddiem il-Qorti jkunu jew intilfu jew gew, per ezempju, offuskati minhabba t-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti.

Illi ghalhekk il-Qorti ma temminx illi hawnhekk si tratta ta' injoranza assoluta tal-kommissjoni (o meno) ta' dana r-reat u dana peress illi hawnhekk si tratta ta' sitwazzjoni fejn l-Awtorità setghet facilment tkun taf jekk effettivament l-imputat kienx ghadda mill-ezami tal-MCAST jew le qabel kien ser isir it-tigdid tal-licenzja in kwistjoni. Tenut kont tal-fatt li mill-atti processwali jirrizulta li kien hemm zmien fejn il-licenzji nawtici kienu qed jinhargu minghajr ma' l-applikanti kienu japplikaw minhabba li ma kienux jghaddu mill-ezami tal-MCAST, kif jirrizulta mix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur stess, il-Qorti hija

tal-fehma li l-Awtorità setghet facilment f'dana l-perijodu twil ta' zmien tinduna b'dak li kien qed isehh u li ghalhekk ma huwiex il-kaz illi r-reati li dwarhom l-imputat illum jinsab akkuzat (jekk realment sehhew) ma setghux jigu rapportati qabel lill-Pulizija. Illi mill-provi mismugha lanqas ma jirrizulta illi l-imputat b'xi mod heba dana l-fatt b'mod malizjuz.

Illi finalment ir-reati addebitati lill-imputat fl-akkuza huma preskrivibbli bil-preskrizzjoni tal-ghaxar snin.

Ghal dawn il-motivi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq u wara li rat Artikolu 688(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni ta' prosekrizzjoni sollevata mill-imputat u b'hekk tiddikjara l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu bhala preskritti u konsegwentement estinti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------